IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.11.2021
COM(2021) 671 final

2021/0352 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-32 Assemblea tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali dwar l-adozzjoni ta' emendi għal-Linji Gwida skont is-Sistema Armonizzata tal-Istħarriġ u ċ-Ċertifikazzjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-32 Assemblea tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), li se ssir virtwalment mis-6 sal-15 ta' Diċembru 2021.

Matul it-32 Assemblea(A 32), huwa previst li jiġi adottat abbozz ta' Linji Gwida għall-Istħarriġ skont is-Sistema Armonizzata tal-Istħarriġ u ċ-Ċertifikazzjoni (HSSC), 2021 u tiġi rrevokata r-riżoluzzjoni A.1140(31) tal-Assemblea, li permezz tagħha l-Assemblea tal-IMO, fil-31 sessjoni tagħha, adottat il-Linji Gwida għall-Istħarriġ skont is-Sistema Armonizzata tal-Istħarriġ u ċ-Ċertifikazzjoni (HSSC), 2019.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni dwar l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali

Il-Konvenzjoni dwar l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) tistabbilixxi l-OMI. L-għan tal-OMI huwa li tipprovdi forum għall-kooperazzjoni fil-qasam tar-regolamentazzjoni u l-prattiki relatati ma' kwistjonijiet tekniċi ta' kull tip li jaffettwaw it-tbaħħir involut fil-kummerċ internazzjonali. Barra minn hekk, għandha l-għan li tħeġġeġ l-adozzjoni ġenerali tal-ogħla standards prattikabbli fi kwistjonijiet li jikkonċernaw is-sikurezza marittima, l-effiċjenza tan-navigazzjoni u l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-baħar mill-vapuri, u b'hekk tippromwovi kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Tittratta wkoll kwistjonijiet amministrattivi u ġuridiċi relatati.

Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Marzu 1958.

L-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni.

2.2. L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali

L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) hija l-aġenzija speċjalizzata tan-Nazzjonijiet Uniti responsabbli mis-sikurezza u mis-sigurtà tat-tbaħħir u mill-prevenzjoni tat-tniġġis tal-baħar mill-vapuri. Hija l-awtorità li tistabbilixxi l-istandards globali għas-sikurezza, għas-sigurtà u għall-prestazzjoni ambjentali tat-tbaħħir internazzjonali. Ir-rwol prinċipali tagħha huwa li toħloq qafas regolatorju għall-industrija tat-tbaħħir li jkun ġust u effettiv, u li jiġi adottat u implimentat b'mod universali.

Is-sħubija fl-OMI hija miftuħa għall-Istati kollha u l-Istati Membri kollha tal-UE huma membri tal-OMI. Ir-relazzjonijiet tal-UE mal-OMI huma bbażati b'mod partikolari fuq il-Ftehim għall-Kooperazzjoni u l-Kollaborazzjoni konkluż bejn l-Organizzazzjoni Konsultattiva Marittima Intergovernattiva (IMCO) u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fl-1974.

L-Assemblea tal-OMI hija l-korp governattiv tal-organizzazzjoni. Din tikkonsisti mill-Istati Membri kollha tal-OMI, li jiltaqgħu kull sentejn u tista' tadotta miżuri miftiehma fil-ħames Kumitati ewlenin kollha tal-OMI. Fost dawn il-ħames kumitati hemm il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima (MSC) u l-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC).

2.3. L-att previst tal-Assemblea tal-OMI

Fis-6 sal-15 ta' Diċembru 2021, waqt it-32 sessjoni tagħha, l-Assemblea se tadotta emendi fil-Linji Gwida skont is-Sistema Armonizzata tal-Istħarriġ u ċ-Ċertifikazzjoni.

L-għan tal-emendi previsti huwa li jiġu aġġornati l-Linji Gwida biex jirriflettu r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-emendi għall-istrumenti obbligatorji rilevanti li jidħlu fis-seħħ sa u inkluż il-31 ta' Diċembru 2021.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

3.1. Adozzjoni tal-Linji Gwida għall-Istħarriġ skont is-Sistema Armonizzata tal-Istħarriġ u ċ-Ċertifikazzjoni, 2021, u r-revoka ta' A.1140 (31)

Is-Sottokumitat dwar l-Implimentazzjoni tal-Istat tal-Bandiera, il-predeċessur tas-Sottokumitat dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrumenti tal-OMI (III), qabel li jirrevedi l-Linji Gwida għall-Istħarriġ tal-HSSC fuq bażi kontinwa. Il-Linji Gwida għall-Istħarriġ huma għalhekk aġġornati f'kull sessjoni tal-Assemblea tal-OMI. L-aħħar verżjoni tal-Linji Gwida għall-Istħarriġ hija inkluża fir-riżoluzzjoni A.1140 (31) u ġiet adottata fil-31 sessjoni tal-Assemblea fl-2019.

Fis-6 sessjoni tiegħu, III stabbilixxa l-Grupp ta' Korrispondenza dwar ir-Reviżjoni tal-Linji Gwida għall-Istħarriġ skont l-HSSC u l-lista mhux eżawrjenti tal-obbligi skont l-istrumenti rilevanti għall-Kodiċi tal-Implimentazzjoni tal-Istrumenti tal-OMI (il-Kodiċi III), taħt il-koordinazzjoni taċ-Ċina. Dan kien sar bl-istess mod f'sessjonijiet preċedenti ta' III.

Il-Grupp ta' Korrispondenza ntalab ikompli jiżviluppa abbozz ta' emendi għal-Linji Gwida għall-Istħarriġ. Dawn jirriżultaw mill-emendi għall-istrumenti obbligatorji rilevanti li għandhom jidħlu fis-seħħ sa u inkluż l-31 ta' Diċembru 2021, meta jitqies l-eżitu tas-sessjonijiet tal-MEPC u l-MSC. L-adozzjoni tal-aġġornament tal-Linji Gwida għall-Istħarriġ u r-revoka tar-riżoluzzjoni ta' A.1140(31), li tinkludi l-Linja Gwida attwali, se tiġi approvata fil-104 sessjoni tal-MSC u s-77 sessjoni tal-MEPC. Wara l-approvazzjoni fiż-żewġ Kumitati, l-abbozz ta' Riżoluzzjoni ser jiġi riferut lil A 32 għall-adozzjoni.

Ir-reviżjoni regolari tiżgura li l-Linji Gwida għall-Istħarriġ tal-HSSC jibqgħu aġġornati. L-aġġornament li għandu jiġi adottat jikkjarifika *i.a.* li batteriji primarji skaduti, li kkonformaw mar-rekwiżiti tal-paragrafu 12.6 tal-anness għar-riżoluzzjoni MSC.149 (77), ma jistgħu jintużaw għall-ebda skop ieħor ħlief biex jeżaminaw u jivverifikaw it-tħaddim ta' apparat radju telefoniku VHF bidirezzjonali. L-Unjoni teħtieġ għalhekk tappoġġa dawn l-emendi, peress li se jiżguraw li l-Linji Gwida għall-Istħarriġ iqisu żviluppi ġodda.

3.2. Il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u l-kompetenza tal-UE

Ir-Regolament (KE) Nru 391/2009[1] jistabbilixxi regoli u standards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri. Il-kriterju li jinsab fl-Anness I, parti B, punt 7(k) tar-Regolament jeħtieġ li organizzazzjoni rikonoxxuta tiżgura li l-istħarriġ u l-ispezzjonijiet statutorji jitwettqu f'konformità mal-linji gwida għall-istħarriġ skont is-sistema armonizzata tal-istħarriġ u ċ-ċertifikazzjoni adottata mill-OMI.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede*

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri; ĠU L 131, 28.5.2009, p. 11-23.

stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE japplika indipendentement minn jekk l-Unjoni hijiex membru ta' korp jew ta' parti ta'ftehim[2].

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE*"[3].

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-Assemblea tal-OMI hija korp imwaqqaf permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni dwar l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.

L-att li l-Assemblea hi mitluba tadotta, jikkostitwixxi att li għandu effetti ġuridiku. L-att previst kapaċi jinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tar-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet tal-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri. Dan għaliex jeħtieġ li organizzazzjoni rikonoxxuta tiżgura li l-istħarriġ u l-ispezzjonijiet statutorji jitwettqu f'konformità mal-linji gwida għall-istħarriġ skont is-sistema armonizzata tal-istħarriġ u ċ-ċertifikazzjoni adottata mill-OMI.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas ma jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva sabiex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u l-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ miri jew żewġ komponenti, u jekk waħda minn dawk il-miri jew wieħed minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-mira jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-objettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst jirrigwardaw it-trasport marittimu. Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 100(2) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta teħtieġ li tkun l-Artikolu 100(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

[2] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafu 64.

[3] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi minn 61 sa 64.

2021/0352 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-32 Assemblea tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali dwar l-adozzjoni ta' emendi għal-Linji Gwida skont is-Sistema Armonizzata tal-Istħarriġ u ċ-Ċertifikazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni dwar l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ("OMI") daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Marzu 1958.

(2) L-OMI hija l-aġenzija speċjalizzata tan-Nazzjonijiet Uniti responsabbli għas-sikurezza u s-sigurtà tat-tbaħħir u għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-baħar u tal-arja mill-vapuri. L-Istati Membri kollha tal-Unjoni huma membri tal-OMI. L-Unjoni mhijiex membru tal-OMI.

(3) Skont l-Artikolu 15(j) tal-Ftehim, l-Assemblea tista' tadotta regolamenti u linji gwida għall-Membri li jikkonċernaw is-sikurezza marittima, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-baħar mill-vapuri u kwistjonijiet oħra li jikkonċernaw l-effett tat-tbaħħir fuq l-ambjent tal-baħar assenjat lill-Organizzazzjoni minn jew taħt strumenti internazzjonali, jew emendi għal tali regolamenti u linji gwida li jkunu ġew riferuti lilha.

(4) L-Assemblea tal-OMI, fit-32 sessjoni tagħha mis-6 sal-15 ta' Diċembru 2021, se tadotta l-Linji Gwida għall-Istħarriġ skont is-Sistema Armonizzata tal-Istħarriġ u ċ-Ċertifikazzjoni (HSSC), 2021, u tiġi rrevokata r-riżoluzzjoni A.1140(31) tal-Assemblea tal-OMI, li fiha l-Linji Gwida għall-Istħarriġ tal-HSSC, 2019.

(5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li se tiġi adottata f'isem l-Unjoni matul it-32 sessjoni tal-Assemblea tal-OMI, peress li l-emendi għall-Linji Gwida tal-Istħarriġ tal-HSSC se jkunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, partikolarment ir-Regolament (KE) 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri.

(6) L-adozzjoni tal-Linji Gwida għall-Istħarriġ tal-HSSC, 2021 u r-revoka tal-Linji Gwida għall-Istħarriġ tal-HSSC, 2019 huma parti minn rieżami regolari. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa dawk l-emendi għaliex jiżguraw li l-Linji Gwida għall-Istħarriġ tal-HSSC jibqgħu aġġornati.

(7) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Assemblea tal-OMI, li jaġixxu b'mod konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-32 sessjoni tal-Assemblea tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ("OMI") għandha tkun li taqbel mal-adozzjoni tal-Linji Gwida għall-Istħarriġ skont is-Sistema Armonizzata tal-Istħarriġ u ċ-Ċertifikazzjoni, 2021 kif stipulat fid-dokument III 7/17/Add.1, taqsima 8 u anness 6 u r-revoka konsegwenti tar-riżoluzzjoni A.1140 (31) tal-Assemblea tal-OMI.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Assemblea tal-OMI, li jaġixxu b'mod konġunt.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President